MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 914/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Mario Bonello**

**vs**

**JOSEPH XERRI bin Michael u Catherine nee' Pace, imwieled fid-19 ta' Frar, 1982 u residenti 45A, Sqaq Dun Mikiel Spiteri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 10782(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH XERRI** bin Michael u Catherine nee' Pace, imwieled nhar d-dsatax ta' Frar, 1982 u residenti 45 A, Sqaq Dun Mikelang Spiteri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 10782G

gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-hmistax ta' Dicembru, 2006 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija waqt li kien fi Triq ix-Xatt, Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOE-02 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragnijew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament tajjar lil Suciut Florin mir-Romania u kkagunalu offizi ta' natura gravi skond ma ccertifika Doctor Peter Muscat MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-isketch u l-okkorrenza relattiva, r-ritratti esibiti bhala dokumenti Z sa Z 2, ricevuta dokument Y u ritratt ihror dokument S, w d-dokument X, kif wkoll d-dokumenti JX 1 u JX 2.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Doctor Peter Muscat, lil PS 1324 Mario Xiberras, lil Josephine Cefai, lil Robertino Gabriel Tanase, Cornelius Florin Suclu, u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati ghas-sodisfazzjon taghha.
Ghalhekk **il-Qorti, tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH XERRI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu** u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------